

# Almanakk
# 1996

Dar ta' San Ġużepp, Sta. Venera, Malta. Is-87 harġa.



MONS. FRANCESCO BONNICI (1852-1905)

MONS. KAN. PROF.

# FRANCESCO BONNICI D.D.

## FUNDATUR TAD-DAR TA' SAN GUZEPP TA' SANTA VENERA

### TAGĦRIF FUQ IL-ĦAJJA U L-OPRI TIEGĦU

Lejlet il-Milied tas-sena 1905, f'dar il-Ħamrun, Strada Rjali quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu, ġo kamra aktarx mudlama, kien jinsab mixħut f'qiegħ ta' sodda fi stat ta' agunija, qassis ta' ftit fuq il-ħamsin sena, imlibbes bi stola vjola, assistit minn Mons. Kan. Dun Luqa Żammit, konfessur tiegħu.

Iżomm xemgħa f'idu biex tagħti ftit dawl lis-saċerdot li kien jassisti, ħalli jaqra t-talb tal-moribondi, kien hemm tfajjel ta' xi 13-il sena. Maddaqq ta' nofs il-lejl sewwa, Mons. Kan. Prof. Francesco Bonniċi, fundatur tad-Dar ta' San Ġużepp tal-Ħamrun,miet.

Min kien jobsor li, wara tista' tgħid 50 sena, dak it-tfajjel, bħala Direttur ta' l-istess Dar, kellu jaqbad il-pinna f'idu biex jagħti ftit tad-dawl fuq il-ħajja u l-opri ta' Mons. F. Bonniċi.

### MILL-BELT VALLETTA GĦALL-ISLA

Immorru ftit fil-bogħod. Fis-sena 1760 Mons. Bartolomeo Rull, Isqof ta' Malta, kien għażel lil Dun Salv Bonniċi, li kien Ċerimonjier tal-Knisja ta' S. Pawl tal-Belt u Teologu tal-Gran Mastru De Rohan, bħala Kuġitur tal-Kappillan Dun Fortunat Vella tal-Knisja Parrokjali ta' l-Isla bid-dritt tas-suċċessjoni. Dun Salv mar minnufih joqgħod l-Isla u sentejn wara, meta mititlu ommu, ġabar liż-żewġ ħutu miegħu, fosthom lil ħuh Giuseppi li kien għadu ta' eta żgħira. Meta dan Giuseppi kiber sar Nutar u żżewweġ ma' Angela Assenza. Fis-sena 1850 it-tabib Giuseppi Luigi Bonniċi, pro neputi tan-nutar Giuseppi, jigifieri t-tifel tat-tifel tiegħu, iżżewweġ l-Isla ma' Marija Teresa Ferris, oħt il-Kavalier Achille Ferris.

## TWIELED F'BORMLA

U marru joqogħdu Bormla billi laħaq tabib mal-Gvern għal dak id-distrett. Hemhekk ġo Bormla twiled iċ-ċkejken Francesco fl-14 ta' Lulju, 1852. Mar igħammdu fil-Knisja Parrokjali ta' Bormla, il-Kan. Dun Alwiġ Bonnici, Prepostu ta' l-Isla, u bħala parrinijiet kellu lill-Kan. Paolo Ferris, Teżorier ta' l-Isla, u lis-Sig.ra Maria Carmela Bertis mart it-tabib Salvu Saydon.

## MINN BORMLA GĦALL-IMQABBA

Wara ftit taż-żmien il-familja tat-tabib Bonnici kellha tmur l-Imqabba, billi dan ġie trasferit għal dak id-distrett li dak iż-żmien kien jinfirex mill-Qrendi sa Ħal Luqa. It-tfajjel Francesco kien il-kbir fost tmien ħutu oħra. Tnejn mis-subien saru tobba u tnejn mill-bniet saru sorijiet. Meta din il-familja kellha tgħix hekk bogħod mil-ibliet, l-edukazzjoni tat-tfal kienet għaliha problema kbira u kien jiġri li dak iż-żmien, dawk il-familji li kienu jedukaw 'l uliedhom fl-iskejjel, kien ikollhom jikrulhom xi kamra ma' xi familja sewwa li kienet toqgħod il-Belt qrib l-iskola. Hekk trabba ċ-ċkejken Francesco li ma' ħutu l-oħra, kollha iżgħar minnu, kien ikollhom igħaddu l-ġimgħa kollha fil-kamra tal-Belt u nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar, arahom telgħin bil-mixi għall-Imqabba biex jerġgħu jagħmlu l-istess triq bil-mixi t-Tnejn filgħodu kmieni. Kienu jkunu ixxurtjati jekk matul it-triq, 'il hemm jew 'l hawn, jiltaqgħu ma' xi karrettun tal-ġebel u jagħtihom rikba.

## GĦAQAL KBIR MINN ĊKUNITU

Sa minn ċkunitu t-tfajjel Francesco kien juri għaqal kbir u intelligenza mhix komuni li bihom kien jimpressjona lil kulħadd. Minn tfulitu kien jgħid li jrid isir qassis u s-surmastijiet tiegħu kienu jistagħġbu għall-prekoċita' ta' moħħu, jiġifieri għal dak id-don li bih Alla kien żejjinlu moħħu u qalbu li kienu jagħmluh wisq akbar milli kien fiż-żmien. Kien għadu tifel, meta ġol-Knisja ta' l-Imqabba kien imur jgħallem id-Duttrina lit-tfal ta' dak ir-raħal b'serjeta' tant kbira li kien igħaġġeb lil kulħadd.

## TA' 16-IL SENA JIBDA T-TEOLOĠIJA

Fl-iskola tant mexa 'l quddiem, wara tant sigħat studju fid-dawl ta' xi lampa taż-żejt jew fid-dawl tax-xema' li ta' 16-il sena beda kors tat-Teoloġija fl-Universita' ta' Malta. Ma kenitx ħaġa komuni, għallinqas għal dak iż-żmien, li tara żagħżugħ ta' dik l-eta jibda kors li għalih trid tkun preparat sewwa. Il-Professuri tiegħu Cumbo u Chetcuti flimkien ma' l-istudenti tagħhom għall-ewwel stagħġbu mhux ftit x'ħin raw li dan it-tifel dieħel fil-klassi tagħhom. Iżda ma damux ma ntebħu li quddiemhom kellhom każ straordinarju. meta kellu 20 sena u sewwa sew fil-29 ta' Lulju,1872, ġie lawrijat fis-Sagra

Teoloġija, jiġifieri lanqas kellu l-eta meħtieġa biex jircievi l-ordni tas-suddjakonat, u għalhekk kien għadu Kjeriku meta spiċċa l-istudji tiegħu fl-Universita' ta' Malta.

## PROFESSUR TAL-LETTERATURA U DIRETTUR SPIRITWALI FIS-SEMINARJU

Mons. Scicluna, li kien dak iż-żmien Isqof ta' Malta; malajr xeħet għajnejh fuq dan iż-żagħżugħ u għażlu, għadu Kjeriku, Professur tal-Letteratura u Direttur Spiritwali fis-Seminarju ta' l-Imdina. Aħna llum nistagħġbu mhux ftit kif wieħed jista' jagħmilha ta' Direttur Spiritwali f'Seminarju, ta' eta hekk żgħira, imma dan juri ċar li l-Kjeriku Bonnici kien, biex ingħidu hekk, ġa qassis qabel ma sar qassis għax kellu għerf u tjieba straodinarja. F'din il-kariga dam tliet snin u fis-sena 1876 ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Scicluna.

## RETTUR TAS-SEMINARJU TAL-FURJANA

Sentejn wara li ħa l-quddiesa, jiġifieri fis-sena 1878, ġie magħżul mill-istess Isqof bħala Rettur tas-Seminarju tal-Furjana. Is-Superjuri tiegħu qatt ma ħarsu lejn l-eta ta' dan i-bniedem iżda ħarsu biss lejn id-doni u l-kwalitajiet sbieħ li bihom kien żejnu Alla. Dam Rettur tas-Seminarju għal ħames snin u f'dan iż-żmien għamel kulma seta' biex iġib 'il quddiem fl-istudji u fit tjieba waħda mill-aqwa istituzzjonijiet li għandha l-Knisja Kattolika.

## KANONKU TAL-KATTIDRAL

Fis-sena 1882, meta kien għad għandu tletin sena, ġie nominat Kanonku tal-Kattridral u l-Kapitlu malajr għaraf fih bniedem ta' esperjenza kbira għalkemm ta' eta żgħira. Id-diskorsi u l-pariri tiegħu fil-laqgħat tal-Kapitlu baqgħu jissemmew għal ħafna snin, iżda dan l-unur ma għammixlux għajnejh, anzi żiedlu fil-ħidma ta' saċerdot ta' Kristu.

## IWAQQAF IL-MISSJONI Ż-ŻGĦIRA

Il-ħarsa u l-ħsieb tiegħu nxteħtu fuq it-tfal, fuq din ix-xitla żgħira li trid tkun is-siġra ta' għada u għalhekk trid koltivazzjoni kbira. Igħidu li kellu xeħta kbira biex jippriedka lit-tfal. Hu qatt ma tela' fuq il-pulptu tal-knejjes kbar tagħna għax oratur ma kienx, iżda bil-għerf tiegħu kollu kien jaf jinżel hekk fil-baxx li kien fih għaxqa tisimgħu igħallem lit-tfal. Imnebbaħ minn Alla waqqaf fis-sena 1884 il-*Missjoni ż-żgħira,* għaqda ta' saċerdoti sekulari, bil-ħsieb li ddur il-Parroċċi kollha ta' Malta bħal oħtha l-kbira *l-Missjoni l-Kbira*, tiġbor u tgħallem lit-tfal bl-iktar mod ħafif u popolari, id-Duttrina nisranija u tiġbidhom lejn Alla. Għamel hu stess ir-regolamenti tagħha u flimkien ma' saċerdoti oħra, li ngħaqdu miegħu, bdew ix-xogħol tagħhom ġewwa l-Imqabba fl-aħħar ta' Settembru 1884 u nġabru għal għaxart ijiem fl-istess

dar li fiha hu kien trabba u li kienet baqgħet f'idejn il-familja tiegħu, dar li l-lum tinsab ġewwa l-istess raħal f'Carmel Street, No. 2 bħalma tixhed l-iskrizzjoni tar-rħam li ġiet imwaħħla mal-ħajt ta' barra fis-sena 1934, għeluq il-50 sena tal-bidu ta' din il-Missjoni. L-ewwel kollaboratturi tiegħu f'din l-opra kienu s-saċerdoti D. Salv Grech Delicata, D. Manwel Buttiġieġ, Dun Gio. Battista Zarb u l-Mons. Kan. Dun Alwig Debono. Kemm ġid sar u għadu jsir sal-lum b'din il-Missjoni, Alla biss jista' jgħidu, u Dun Franġisk inxteħet għal dan ix-xogħol b'ħiltu kollha. Wieħed li kien jafu sewwa qal fuqu: "Kienet ħaġa diffiċli fejn għandek tammira l-iżjed lil Mons. Bonnici jekk hux ma' l-iskrivanija bħala Segretarju ta' l-Isqof inkella fil-kċina jaħsel il-platti ta' sħabu tal-Missjoni ż-Żgħira".

## SEGRETARJU TA' L-ISQOF BUĦAĠIAR

Meta fis-sena 1885 ġie mibgħut Malta bħala Amministratur Apostoliku tad-Djoċesi l-Isqof Buhagiar, dan malajr ried maġembu lil Mons. F. Bonnici u għażlu bħala Segretarju tiegħu, iżda l-ħarsa ta' dan ma kenitx li jitla' 'l fuq fil-karigi tal-Knija iżda li jagħmel il-ġid l-iżjed lit-tfal. Ma kenitx biżżejjed għalih il-Missjoni ż-Żgħira, anzi forsi din ġagħlitu jħoss il-ħtieġa tal-koltivazzjoni tat-tfal l-iżjed tas-subien. Ra kemm kienet kbira l-injuranza tar-Reliġjon qalb il-poplu, ra b'għajnejh in-numru ta' tfal iltiema jiġġerrew mat-triqat b'periklu kbir ta' ruħhom u għalhekk beda joħlom.

## ID-DAR TA' SAN ĠUŻEPP - L-AKBAR OPRA TIEGĦU

Joħlom u jaħseb kif jista' jwaqqaf dar għat-tfal subien foqra, iltiema jew abbandunati fejn ikunu jistgħu jiġu mgħallma sewwa r-Reliġjon, l-iskola u sengħa biex meta joħorġu, jistgħu jaqilgħu x'jieklu. Iżda kif? Mnejn? Mhux għalkemm tiftaħ dar bħal din! Mons. Bonnici kien qassis fqir, minn daru ma kellu xejn, il-familja tiegħu mgħobbija bit-tfal, kollha jridu l-edukazzjoni tagħhom, kienet tagħtu kulma setgħet u iżjed milli setgħet, iżda dan kien wisq ftit. Daħal għalih l-Isqof Buhagiar u "ħa" qallu darba waħda waqt li tah somma ta' flus, "ħa, mur iftaħ dik id-dar tat-tfal subien". Mons. Bonnici ħa r-ruħ u fittex minn hawn u fittex minn hemm sab dar il-Ħamrun, ħdejn il-Knisja tas-Samra. Dan kien fis-27 ta' Awissu, 1888. B'hekk il-ħolma tiegħu seħħet. Id-dar fetaħha għat-tfal u semmiha "Casa di San Giuseppe". F'kemm ili ngħidlek imtliet bit-tfal. X'ma timteliex daqs kemm kien hemm bżonnha. Ġabar tfal minn nofs it-triq u ħataf oħrajn minn taħt idejn id-dnub, tfal li żgur kienu jispiċċaw il-ħabs. Serraħ ħafna familji u farraġ ħafna qlub imnikkta. Iżda d-dar malajr ċkienet għall-bżonnijiet ta' dawk it-tfal fil-waqt li l-bieb tagħha kien ta' sikwit iħabbbat biex jidħlu tfal oħra. Kien jinħtieġ post akbar u iżjed adattat għal dan ix-xogħol. Dan irnexxa wkoll għax meta Alla jrid, kollox isir. Fit-13 ta' Mejju 1893, il-Monsinjur tagħna rnexxielu jieħu minn għand il-gvern b'ċens għal 99 sena dar kbira



**DUN ĠORĠ BUĠEJA - DIRETTUR (1905 - 1922)**

ġmielha (fejn jinsab illum l-Istitut) li kienet imdawra kollha raba' u tissejjaħ dak iż-żmien il-Palazz l-Aħmar jew Palazz ta' San Ġużepp, ġol-limiti tal-Ħamrun. L-isem biss ta' dan il-qaddis jagħtik x'taħseb li donnu sa mill-bidu ried jeħodha taħt idejh. Fis-sena 1905 il-qatt minsi Dun Ġorġ Bugeja, bħala Direttur ta' l-istess Dar, irnexxielu jeħodha minn għand il-Gvern bħala ċens perpetwu bi ħlas ta' 20 guinea li ġie ridott fi żmien Mons. Depiro għal Lm1.5 fis-sena.

Hawn it-tfal sabu ruħhom aħjar, bdew il-ħwienet tas-snajja' twaqqfet il-banda, ma għandniex xi ngħidu, il-bżonnijiet kibru mhux ftit. Biex jieħdu ħsieb it-tfal id-Direttur waqqaf speċi ta' Kongregazzjoni reliġjuża li fiha daħħal irġiel ta' ħajja tajba, li kienu jilbsu bħal ċoqqa griża u sejħilha *Congregazione dei fratelli della carita'*. Fosthom għad jinsab wieħed mimli bil-għomor jismu Fra Luigi Poggi li ħadem mhux ftit għall-Istitut u l-lum jinsab bħala reliġjuż mal-Patrijiet Tereżjani fit-Terra Santa. Jgħinu lid-Direttur fit-treġija ta' l-Istitut kien hemm xi saċerdoti qalbiena fosthom Dun Ġużepp Cauchi mill-Furjana li miet m'ilux bħala Kanonku Kollegjali tal-Grotta ta' S. Pawl tar-Rabat, u Dun Alfred Gatt mill-Belt li jafu kulħadd għall-fama tajba li ħalla wara mewtu.

Ftit 'il bogħod minn dan il-post, fil-"Villa Sta. Venera", fit-triq l-istess, fetaħ dar oħra għat-trabi u sejħilha "Istitut tas-S. Familja". Kienu jieħdu ħsieb din id-dar oħt id-Direttur stess u l-familja ta' Dun Anġ. Dalli, raġel qaddis, nies twajba li ma ngħidlekx. Iżda din id-dar ma damitx miftuħa għax ma kellhiex mezzi biex timxi 'l quddiem.

## PERJODIKU TA' L-ISTITUT

F'Diċembu tas-sena 1892 Mons. Bonnici ħass il-bżonn li jagħmel propaganda għal din id-dar għax il-meżżi naqsuh sewwa u għalhekk beda joħroġ perjodiku bit-taljan ta' darba fix-xahar b'erba' paġni u semmieh "*Il Fabbro di Nazareth - Bollettino Mensuale della Casa di San Giuseppe*". L-ewwel tlieta jew erba' numri ħarġu mit-tipografija ta' Michele Camilleri ta' Vallone Birkirkara u l-abbonament kien ta' 1s. 6d. fis-sena. In-Nru. 5 ta' dan il-Perjodiku nsibu li ħareġ mill-istamperija "Casa di S. Giuseppe" bl-istess tipi ta' qabel u għalhekk naħsbu illi l-istamperija kollha ta' Michele Camilleri għaddiet għal iż-żmien f' idejn id-Dar ta' S. Giusepp. Għall-istorja ta' l-Istitut dan il-perjodiku hu wisq interessanti. Il-qarreja tagħna jieħdu ġost ikunu jafu x'inkiteb dak iż-żmien fuq din id-Dar mid- Direttur stess u għalhekk ser nippublikaw xi artikoli li dehru fl-ewwel numri, maqlubin għall-Malti.

Nibdew biex inġibu biċċa minn artiklu li deher fl-ewwel numru u li juri l-programm - biex ingħidu hekk - tax-xogħol ta' l-Istitut.



*L-Istamperija ta' "Dar San Ġużepp."*

*"Id-Dar ta' S. Giusepp hi fuq kollox dar miftuħa għat-tfal tal-foqra, li l-edukazzjoni tagħhom kif ukoll il-hena ta' din id-dinja jinsabu f'perili serji. Mad-Dar jinsab Laboratorju fejn it-tfal żgħar filwaqt il jitgħallmu sengħa jlestu ruħhom għal li ġej u b'hekk jeħilsu lill-pajjiż minn piż, minn xi tebgħa u minn xi periklu. F'din id-Dar hemm ukoll l-iskola elementari bi programm kif jeħtieġ għal nies tas-snajja. Din id-Dar hi iżjed minn Orfanatrofju għax mhux biss tilqa' tfal iltiema iżda ukoll tilqa' dawk it-tfal, imsejkna daqs l-iltiema, li għandhom ġenituri, iva, imma li dawn il-ġenituri jew ma jistgħux, jew ma jafux, jew ma jridux irabbu 'l uliedhom ta' nsara. Id-dar ta' S. Giusepp hi fl-aħħarnett ukoll id-Dar ta' dawk it-tfal li mhux rarament issib li aħjar kienu ltiema, għax kienu l-ġenituri tagħhom stess li xeħtuhom fil-ħażen."*

Fit-3 numru ta' dan il-perjodiku nsibu żewġ każi ta' tfal miġbura f'dan l-Istitut. Isimgħu x'kiteb fuqhom il-Fundatur:

*"Ġbarna tifel ieħor ta' 8 snin, svelt, fuq ruħu kif ikunu t-tfal ta' dik l-eta. Ma jafx x'inhu kunjomu u lanqas jaf x'jisimhom il-ġenituri tiegħu. Staqsejnih: 'Imma inti m'għandekx ommok?' 'Iva' weġibna, 'kelli darba ommi iżda lejla waħda, meta mort inħabbat id-dar ma fetaħli hadd. Inxħett nibki fuq l-għatba tal-bieb. Waħda mara, ġara tagħna, semgħatni nibki, fetħilti d-dar tagħha u żammitni magħha bħal binha. Darba waħda, waqt li kont qiegħed nilgħab f'nofs it-triq, ma nafx min qabadni u daħħalni ġo dar ma nafx fejn hi'. Stajna nobsru x'ġara. Li*



*Il-Ħanut tal-Mastrudaxxa fid-dar ta' San Ġużepp*

*kieku ma konnix pronti ħtafna lil dan it-tfajjel minn taħt idejn id-demonju, kieku dak it-tifel ma kienx iżjed anġlu ta' innoċenza kif inhu l-lum".*

Isimgħu każ ieħor:

N.N. *hu tifel li għalaq il-15-il sena, jitkellem magħluq, xagħru isfar, għajnejh żoroq, żewġ wardiet fuq ħaddejh, wiċċu kważi iswed bil-ħmieġ. Xagħru mqanfed, ħwejġu mqattgħa. Igħidulek li dan it-tifel la għandu ommu u lanqas missieru, lanqas ħadd min jieħu ħsiebu. Dar ma għandux. Mal-ġurnata jiġri mat-triqat, jaqla' xi loqma ħobż bit-talb, jew billi jaħsel xi platti f'xi ħanut mill-iżjed baxxi. Fis-sajf jorqod barra, fuq il-għatba ta' xi bieb, fix-xitwa jitrekken taħt xi tinda fix-xtut tal-baħar qalb ir-riħa tal-ħbula u tal-qatran. Meta tkellmu fuq Alla u fuq il-ħwejjeġ tar-ruħ, tarah iħares fil-vojt biex jurik li dak li qed tgħidlu kollu ġdid għalih, għaliex ir-ruħ tiegħu ma tafx ħlief l-istinit tan-natura kważi selvaġġa. Meta kien għadu tarbija, tilef 'l ommu, il-missier ħabat jieħu ħsiebu, imma mbagħad xaba' minnu, ħallas xi ħaġa tal-flus u rħieh f-idejn ħaddieħor. Għalhekk fiż-żmien li l-*



*Il-Banda ta' San Ġużepp li daqqet l-ewwel darba 10 ta' Frar. 1900*

*qalb tat-tifel trid iż-żegħil u l-imħabba ta' l-omm, ma sab lil ħadd, u għalhekk inxteħet għas-serq u għal-liberta'. Ġbarnieh minn nofs it-triq. Iżda kien wisq tard. Tajnieh l-edukazzjoni li kienet teħtieġlu għallinqas biex jista' jgħix ta' nisrani u meta wasal iż-żmien li joħroġ minn din id-Dar sibnilu post ma' perusni sewwa. Sa ftit taż-żmien ilu sirna nafu .li kien qed jaqla' x'jiekol onestament. Kemm kienet tkun aħjar xortieh kieku d-Dar ta' S. Ġużepp infetħet qabel.*

Ma nistgħux inħallu barra fatt interessanti li ġara fl-Istitut u li ġie irrakkontat mill-Fundatur stess fit-2 numru tal-perjodiku, jiġifieri f'Jannar 1893. Il-fatt jismu:

## IL-PLATT TAL-PAPA

*It-tfal tad-Dar ta' S. Ġużepp iħobbu lill-Papa, bħalma jħobbuh il-Maltin, jigifieri bil-qalb kollha. Lil dawn it-tfal inkellmuhom spiss fuq il-Papa biex innisslu fihom dik l-imħabba li għandu jkollhom lejn il-Vigarju ta' Gesu' Kristu li hi garanzija u d-difiża tal-Fidi. Tistgħu taħsbu għalhekk jekk laqgħuhiex bil-qalb il-proposta li għamilnilhom lejla waħda, li jingħaqdu mal-Kattoliċi tad-dinja kollha biex nitolbu ħalli naqilgħu minn għand Alla l-grazzja li jżomm qawwi u sħiħ lill-Papa Ljuni XIII ħalli jirnexxi l-festi tal-ġublew tal-konsagrazzjoni episkopali tiegħu li kellhom isiru hawn Malta. F'daqqa waħda, kif konna qed inkellmu lit-tfal fuq dil-biċċa, it- tfal ta' bejn it-13 u l-14-il sena għamlulna din il-mistoqsija: "Nistgħu nitolbu 'l Alla biex immutu aħna flok il-Papa?" Għidnilhom: "Uliedi, jidhrilkom intom li ħajja ta' miljun bħalna tiswa daqs il-ħajja tal-Papa?" Il-Bambin, mingħajr dubju jieħu gost b'din ix-xewqa qaddisa tagħkom, imma biex timmeritaw*

iżjed, isimgħu x'ser nghidilkom għada.

L-għada, wara li spiċċajna t-talb ta' filgħaxija, kellimna t-tfal bis-sempliċita' kollha bħalma soltu nitkellmu magħhom. Uliedi, għidnielhom, l-insara tad-dinja kollha jixtiequ li Alla jżomm ħaj lil-Papa ħalli jara l-festi li qed jitlestewlu kullimkien. Biex naqilgħu din il-grazzja, aħna l-ewwel nitolbuha b'ħeġġa kbira fit-talb tagħna. Imma dan mhux biżżejjed. Biex naqilgħu xi ħaġa minn għand Alla, jeħtieġ nagħtuh xi ħaġa. U tafu intom kif tagħmlu biex tagħtu xi ħaġa 'l Alla? Trid din il-ħaġa tagħtiha lill-fqar tiegħu. Mela, mat-talb irridu nżidu l-karita'. Qed narakom tħarsu lejn xulxin. Naf xi tridu tgħiduli: Padre, jekk aħna qed ngħixu bil-karita', kif nistgħu nagħmlu karita' ma' ħaddieħor? Iva, uliedi, aħna tabilħaqq fqar u fqar ħafna imma Alla fit-tjieba tiegħu bla tarf u bil-meriti ta' S. Ġużepp ma jħalliniex nieqsa minn xejn. Mela ejja nagħtu xi ħaġa lil min hu iżjed fqir minna minn dak li aħna naqilgħu minn għand Alla. U kif ningħaqdu fit-talb, hekk ukoll ningħaqdu fil-karita'. Nagħmlu mela hekk. Min irid, jagħti ftit minestra mill-platt tiegħu u minn dan il-ftit ta' kulħadd, nimlew platt. Dan il-platt insejħulu l-Platt tal-Papa u nagħtuh lil wieħed fqir li jiġi jitlob wara l-bieb. Din il-karita' trid tkun ippreżentata quddiem it-tron t'Alla minn idejn S. Ġużepp tagħna u għalhekk nagħmluha fil-ġurnata għażiża tiegħu ta' kull nhar ta' Erbgħa. Togħġobkom il-biċċa? L-uċuħ tat-tfal imtlew bil-ferħ, idawru rashom 'l hawn u 'l hinn, iħarsu lejn xulxin b'għajnejhom ileqqu bil-ferħ u b'daħka ta' l-anġli fuq xofftejhom. Il-post li fih kienu miġbura (konna fil-kappella) ma kienx jippermetti frattarija biex biha juru l-ferħ ta' qalbhom. Li kieku ma kienux fil-kappella, kienu żgur iqumu bilwieqfa u fost iċ-ċapċip ta l-idejn jgħajtu għajta:" Evviva l-Platt tal-Papa!"

L-għada sebaħ l-Erbgħa, l-ewwel ġurnata tal-Platt tal-Papa. Man-nofs ta' nhar ta' filgħodu sar ħafna diskors. Il-ħin ta' l-ikla ta' nofs in-nhar hu dejjem milqugħ bil-qalb fid-Dar ta' S. Ġużepp, iżda dak in-nhar il-ferħ tal-ħin ta' l-ikel kien akbar. Għar-refettorju t-tfal jimxu iżjed bil-ħeffa; dak in-nhar ħaduha bil-ġirja, għaliex kienet l-ewwel ġurnata tal-Platt tal-Papa. Wara li kulħadd qal it-talb ta' qabel l-ikel u qagħad bil-qiegħda, tqassmet il-minestra. Il-Prefett ħa f'idejh borma żgħira u magħarfa u beda jdur mat-tfal wieħed wieħed. Dawn kif rawh ġej, kollha minn rajhom qamu bilwieqfa, qabdu b'idejhom it-tnejn il-platt tal-minestra tagħhom u offrewh kollu lill-Prefett. Dan ma riedx jabbuża mill-qalb ġeneruża tat-tfal u għalhekk ħadilhom imgħarfa biss ministra mill-platti tagħhom u tefgħu fil-borma. Wieħed minn dawn it-tfal inzerta li kien għamel xi impertinenza f'dik il-ġurnata u għalhekk il-Prefett, meta wasal ħdejh, qabżu u baqa' għaddej dritt. It-tifel intebaħ li l-prefett kien qabżu mhux bi żball, sar aħmar daqs in-nar, poġġa l-plat fuq il-medja, ħeba wiċċu b'idejh it-tnejn u ninfexx jibki bħal tarbija. Tant għela li fil-Platt tal-

*Papa ma kienx hemm ftit mill-minestra tiegħu. Biex il-Prefett jikkwietah u jġagħlu jiekol xi ħaġa, kelli jwegħdu li darb'oħra jekk joqgħod kwiet, minflok mgħarfa waħda minestra, jeħodlu tnejn għall-Platt tal-Papa. B'hekk it-tifel stabar u beda jiekol, iżda d-dmugħ baqa' jċarċar ma' ħaddejh il-ħin kollu.*

Ma nafx kemm dam joħroġ dan il-Perjodiku, iżda milli jidher ma damx wisq, għax għalkemm fittixna ħafna ma sibnieh għand ħadd.

## L-OPRA TAL-BUONA MORTE

Bħala mezz ta' għajnuna għall-Istitut, il-Fundatur fis-sena 1897 waqqaf fl-istess Dar l-"Opera della Buona Morte", jew kif ingħiduha bil-Malti l-Opra tal-Bona Morti. Jista' jinkiteb fiha kulħadd, billi jħallas sold fix-xahar. Meta min ikun miktub fiha, jiġi biex imut, jingħata avviż lid-Direzzjoni ta' l-Istitut u t-tfal imorru jitolbu quddiem Gesu' Sagrament għal dik ir-ruħ li tkun tinsab fl-agunija. Wara l-mewt isir ħafna talb, quddies u suffraġi oħra. Jistgħu jinkitbu anki l-mejtin. Il-lum din l-opra hi magħrufa ma' Malta kollha. Min jinkiteb fiha barra mill-ġid li jikseb għal ruħu bit-talb tat-tfal, ikun qed jagħmel opra ta' karita' ma' l-Istitut.

## PROFESSUR FL-UNIVERSITA'

Fis-sena 1890 Mons. Bonnici ġie magħżul bħala Professur tal-Filosofija fl-Universita' ta' Malta wara t-tabib Dr. Nicola Zammit u fis-sena 1900 sar professur tat-teoloġia morali fl'istess Universita' wara l-Mons. Enrico Caruana Gatto. Min kellu x-xorti jisma' l-lezzjonijet tiegħu, l-iżjed dawk tat-Teoloġija, kien jgħidlek illi l-istudenti ma kienu jixbgħu qatt jisimgħuh jispjega. U dawn ħabbewh bħala missierhom.

## JIRTIRA MILL-ISTITUT

Il-Fundatur ma felaħx għal dan ix-xogħol kollu u fis-sena 1898, wara għaxar snin li kien ilu li waqaf u mexxa d-Dar ta' S. Gużepp, marad b'nevrastenija "depression" hekk qawwija li kellu jitlaq it-tmexxija ta' l-Istitut u mar joqgħod l-Imdina fejn il-kambjament ta' l-arja u l-kwiet ta' dik il-belt swewlu mhux ftit biex ħa ftit tas-saħħa. Fid-dar tiegħu, kbira u fejn ma jinstama ebda ħoss, kont tara ta' spiss jew l-istudenti tiegħu tat-Teoloġija li jmorru jarawh jew saċerdoti oħra jmorru għandu għal xi diffikulta' jew għal xi parir ta' ħtieġa. Iżda Mons. Bonnici għalkemm kien telaq mill-Istitut, lil din id-dar ma abbandunahiex għaliex id-dejn li kien għamel għaliha ħadu miegħu u baqa' jħallsu minn butu sakemm miet. Wara l-mewt tiegħu, ommu, meta saret taf li kien għad fadallu jħallas tmenin lira tal-ħobż ta' l-Istitut, ħallsithomlu hi avvolja lill-familja ma ħallielha xejn għax miet bla sold.

## IMUT IL-ĦAMRUN

Il-Mons. Bonnici kien jidher raġel b'saħħtu, ta' statura mdaqqsa,



*It-tfal ta' din id-dar fil-kappella*

mibni tajjeb, b'moħħ wiesgħa, xagħar twil u iswed, għajnejh żgħar u penertranti.

Iżda għalkemm kien jidher b'saħħtu, ix-xogħol għamel bih sewwa. Ġewwa l-Imdina kien qabad jieħu r-ruħ u jirpilja. Hemm kien igħaddiha qalb il-kotba mindu jisbaħ sa ma jidħol il-lejl sewwa. Fil-ġranet ta' l-iskola kien jinżel mill-Imdina għall-Belt Valletta b'karrozzin, ċlikki, ċlikki; u bl-istess meżż jerġa' lura. Mat-triq kollha l-kotba ma kien jitlaqhom qatt minn idejh. Kif jasal il-Ħamrun hu u nieżel jew tiela' lejn l-Imdina, jieqaf jara 'l ommu li kienet toqgħod hemm ma' oħtu ż-żgħira u li minħabba ċ-ċirkustanzi tal-familja ma kienux setgħu jinġabru miegħu f'dar waħda ġo l-Imdina.

Kienu waslu l-vaganzi tal-Milied tas-sena 1905 u hu xtaq igħaddihom ma' ommu u oħtu ż-żgħira l-Ħamrun. Għalhekk niżżel miegħu lil oħtu l-kbira u lil ħbiebu l-kotba bil-ħsieb li wara l-Milied jerġgħhu jitilgħu l-Imdina. Fil-ġranet ta' qabel il-Milied tah attakk ta' nefrite (fjammazzjoni tal-kliewi) u f'nofs il-lejl sewwa ta' lejlet din il-Festa, wara li rċieva bl-akbar devożżjoni l-aħħar Sagramenti assistit, kif għidna fil-bidu, mill-konfesur tiegħu Mons. Dun Luka Zammit tan-Naxxar, wara li ta ħarsa ta' mħabba lix-xhieda ta' S. Gużepp li kellu mdendla mal-ħajt quddiem is-sodda miet fl-eta ta' 53 sena.



*It-tfal ta'din id-dar waqt il-Barka Sagramentali*

L-aħbar ta' mewtu xterdet ma' Malta kollha bħal leħħa ta' berqa. Ġie midfun fil-Knisja tal-Katidral ta' l-Imdina. L-istudenti tiegħu ta' dak iż-żmien u dawk ta' qabilhom mal-bxara tal-mewt tal-Professur tagħhom waqqfu malajr rappreżentativ ta' l-opri li kien għamel il-Mons. Bonnici u għamlulu a spejjeż tagħhom funeral solenni fil-Knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt fil15 ta' Jannar, 1906, u lapida tar-rħam fuq il-qabar tiegħu. Mons. Prof. E. Vassallo, li kien ħabib tiegħu tal-qalb, għamillu l-Elogio Funebre li ġie stampat fid-dar ta' S. Gużepp.

Il-fundatur mill-bidu li fetaħ din id-Dar fejn jinsab xtaq li jinfiden hemm, tant li kien ġa ħaffer u lesta qabar għalih fil-bini antik fejn kienet kappella, sewwa sew fein il-lum tinsab il-porterija.

Meta laħaq Direttur Dun Ġorġ Bugeja mbniet il-kappella li hemm il-lum, u Mons. DePiro ħa ħsieb biex fiha jsiru żewġt oqbra, wieħed għall-Fundatur ieħor għal Dun Ġorġ Bugeja, iżda billi l-liġijiet tal-Knisja ma jippermettux iżjed li jsir dfin fil-Knisja, dan ma setax isir.

B'danakollu, biex xewqa tal-Fundatur tiġi b'xi mod maqtugħa u biex l-Istitut ikollu tifkira ta' kuljum ta' kemm bata għalih dan il-bniedem ta' karita' hekk kbira, ħsibna li nittrasportaw il-fdal tiegħu mill-Knisja tal-Kattidral għal ġo l-Istitut stess, għalkemm mhux fil-kappella.

Dana sar fit-12 ta' Mejju ta' 1955, tista' tgid wara 50 sena mill-mewt tal-Fundatur.

Għal din l-okkażjoni saret quddiesa kantata *de requie* ċelebrata minn Mons. E. Bonnici, Direttur ta' l-Istitut, u l-E.T. Mons. Arcisqof M. Gonzi assistit mill-Monsinjuri Enrico u Carmelo aħwa Bonnici ta' l-assoluzzjoni tat-tumulu. Kantaw it-tfal ta' l-istitut taħt id-direzzjoni ta' D. Lawrenz Attard, S.S.P. Wara l-quddiesa l-fdal tal-Fundatur ġew midfuna f'qabar li ġie mħaffer għalihom.

## ALLA JAGĦTIH IL-GLORJA TAL-ĠENNA

Għal din l-okkażżjoni Mons. Prof. C Bonnici irregala lill-Istitut ritratt



Mons.ĠUŻEPPI DEPIRO DIRETTUR (1922 -1933)



Mons.ALBERTO PANTALLERESCO
DIRETTUR (1933 - 1940)



Mons .ENRICO BONNICI
DIRETTUR ( 1940 - 1961)

taż-żejt tal-Fundatur li ġie mqiegħed fis-sala tal-Parlatorju.

## KELMTEJN TA' L-AĦĦAR

Il-ħsieb ewlieni tagħna li nagħtu dan it-tagħrif kien li nagħtu xi ftit dawl fuq il-ħajja u l-opri tal-Fundtur ta' din

id-Dar ta' S.Ġużepp, iżda ma jagħtiniex li qabel ma nitilqu l-pinna minn idejna, ma ngħidux xi ħaġa wkoll fuq l-iżvilupp tagħha l-iżjed biex jiġu mfakkra wkoll dawk id-Diretturi li ma għadhomx ħajjin.

Wara li fis-sena 1898 Mons. F. Bonnici ħalla, minħabba saħħtu, it-treġija ta' l-Istitut, daħal floku l-ħabib tiegħu Mons. Dun Manwel Vassallo li wara sar Professur tad-Dritto Canonico fl-Universita' ta' Malta. Iżda dan dam biss sas-sena 1905, meta floku daħal Dun Ġorġ Bugeja. Fi żmien Dun Ġorġ, id-Dar ta' S. Gużepp bdiet tiżviluppa ruħha u bi flusu u bil-flus tal-benefetturi nbniet il-Kappella u żewġ blokki bini li jidhru l-klum. Daħlu għal xi żmien il-Feres bħala Prefetti tat-tfal u damu sas-sena

1919 meta kellhom jirtiraw minħabba n-nuqqas tal-persunal li sofrew fi żmien il-gwerra.

Fis-sena 1922 Dun Ġorġ Bugeja miet ħabta u sabta. L-istitut tilef minnu wisq, u għadda f'idejn il-Mons. Giuseppe DePiro. Dan issokta x-xogħol tad-Direttur ta' qablu u bena t-tieni pjan li għadu jidher sal-lum. Fit-triq ta' Sta. Venera Mons. DePiro fetaħ dar għat-tfal żgħar minn tliet snin 'il fuq u daħħal jieħdu ħsiebha s-Sorijiet ta' Gesu' Nazzarenu bil-ħsieb li minn hemm dawn it-tfal, meta jikbru ftit, jidħlu fl-Istitut ta' S. Gużepp. X' ħarġu minn buthom dawn iż-żewġ Diretturi, jafu Alla biss. Kien fi żmien Mons. DePiro li l-Kumpanija ta' S. Pawl daħlet fl-Istitut ta' S. Ġużepp biex tgħin fit-tmexxija tiegħu kif għadha tagħmel, b'sagrifiċċji kbar, sal-ġurnata tal-lum. Fis-sena 1933 Mons. DePiro miet ukoll malajr u wara ftit tax-xhur l-Istitut ġie imexxi sas-sena 1940 minn Mons. Alberto V. Pantalleresco, il-lum Dekan tal-Katidral. Fi żmien dan id-Direttur inbnew l-iskejjel tal-lum, kunvent żgħir għas-sorijiet Frangiskani ta' Malta li għadhom sal-lum jaħdmu bla heda għall-Istitut billi jaħsbu għall-ikel u għall-ħasil u t-tiswija tal-ħwejjeġ tat-tfal.

Fis-sena 1950 id-dar tat-tfal żgħar li kien fetaħ Mons. DePiro fit-triq Sta. Venera ġiet magħluqa minħabba li ma kenitx adattata għan-numru ta' tfal li żdiedu mhux ftit u dawn it-tfal ġew meħuda fl-Istitut ta' Gesu' Nazzarenu taż-Żejtun li huwa mmexxi mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof E. Galea u li hu qed jieħu ħsieb li jmantnihom sa ma jaslu fl-eta li jiġu fid-Dar ta' S. Ġużepp.

Ngħalqu dawn l-erba' kelmiet tagħna u minn din id-daqsxejn ta' storja nitgħallmu nammiraw u nbierku s-sagrifiċċji, it-tbatija, ix-xogħol ta' ġid bla tarf li jaf jagħmel għall-foqra s-saċerdot kattolika.

JB
STORES
JB Home Textiles
New selection of
Quilts, Quilt covers, Bed linen, Towels, Blankets and Rugs.
JB STORES L-Iklin Rd, Lija Tel: 435537, 437312-3 Fax: 435475
JB HOMESTYLES Ponsonby Str., Mosta Tel: 437506-7 Fax: 437507